# IL-POEŻIJA TA' MUSCAT AZZOPARDI

Is-seklu għoxrin hu magħna. X'għajb kbir għalina, jekk f'dan is-seklu ta' dawl, aħna ma' nistgħux niftaħru b'letteratura tagħna, għanja fil-għadd tal-kittieba tajba. Imħuħ dgħajfa qatlu l-ħsieb Malti, billi għaffġu lil dak il-lsien, li hu biss seta' jatih kisja xierqa, libsa ta' l-art. Kienet tassew îd belha, li, f'wiċċ il-lsien Malti, għalqet il-bieb, sewwa sew fostna hawn Malta.

Il-Malti mirfus f'Malta mill-Maltin! Jekk hemm xi ħaġa li ixxejjinna quddiem il-barranin hi żgur dan il-għilt ta' ħafna boloh. Art ma' tistax tgħix b'dik il-ħajja, li hi aqwa minn dik il-ħajja mejta, mill-Ingliżi msejħa l-ħajja tal-ħobż u l-butir, jekk mhux fil-ħsieb ta' wliedha, u dan il-ħsieb ukoll igħix biss fl-ilsien ta' din l-art. Imma l-għajb hu fuqna, li aħna dorna għal lsien ommna. U xħin iż-żmien igħaddi, u d-deni jiżreġ ta' xi mħuħ morda ifieq kif ser iġibna ż-żmien quddiem l-għajnejn ta' wrajna?... Ħatja!

U jidhirli li l'îd ħafifa ta' wieħed minn uliedna, bin żmien mhux ħafna fil-bogħod, tħażżeż għal dejjem dawn il-kelmiet fuq il-kbir għilt tagħna: Sħaba sewda għal żmien twil għaddiet fuq il-maħbub ilsien tagħna. Gie mbarri minn misserijietna, biex jagħmlu t-triq lil ilsna oħra, li aħna nħobbu, imma li ma nistgħux insejħu tagħna. Kien żmien ta' ġenn. Kienu Maltin bla lsien, għax tagħhom ċaħduh, li bħal ħallelin riedu iżommu b'tagħhom ilsien ħaddieħor. Fiż-żmien it-taħwid ħadd ma jara sewwa. Għal għarrieda, imma, il-qawwa ta' xi ftit għorrief qalbiena sejħet għat-taqbida wlied Malta. Kienet taqbida ħarxa taħt is-sema Malti; qrib il-baħar ikħal tagħna; qrib is-swar imsoqqija bid-demm ta' misserijietna. U t-taqbida damet sa ma rebaħ is-sewwa. Il-għamad waqa', il-għajnejn infetħu. Min kellu l-ħtija staħa, regħex, ħarab u nħeba. Imma l-fidwa ta' lsienna sseddqet. Il-Malti ħa ġieħu; u lsienna, ewlieni f'daru, bħal ilsna oħra f'arthom, ma jbaxxix rasu għal ebda lsien ieħor!

Îd imbierka, li dawn il-kelmiet għad tikteb, tinsix il-qalbiena li fdew il-Malti!

Għidt, għall-bidu, li aħna ma nistgħux niftaħru b'letteratura għanja fil-għadd tal-kittieba tajba. Hawn jaqbel li jiena ngħid, imma li l-ftit li għanna huma ġawhra fil-ġnien tal-kitba Maltija; ftit kittieba kbar, li tawh l-ewwel tifsila xierqa lil ilsienhom, fi żmenijiet imneżżgħa minn kull ġieħ u mħabba lejn il-Malti.

Wieħed mill-aqwa kittieba tagħna hu Ġużè Muscat Azzopardi. Mingħajr xejn ma noqogħod ninseġ il-ħajja tiegħu, niġri biss ġirja mall-poeżija tiegħu. Xgħoli, xogħol żgħir, jista' jkun dgħajjef ukoll, ta' tgħarbil. Il-Kritika trid tkun bħal għarbiel tan-naqal li jifred it-tajjeb mill-ħażin. Azzopardi kiteb poeżija imma sa fejn wieħed jista' jsejjaħlu poeta, priklu, ma naqbelx ma' kullħadd. Kif nifhmu li hi l-poeżija, trid tolqot lil ħajja, billi xxerred id-dawl fejn hemm id-dlam, iddaħħal il-faraġ fejn hemm in-niket; titħak magħna fil-ferħ, toħlom magħna xħin, imxebbgħin mid-dinja tagħna, noħolqu dinjiet ġodda, il-fuq minn tagħna li, żgħira, mixruba fiha nfisha għax-xewqat tagħna, ixxebbagħna, sa ma ruħna ttir f'sakra ta' ferħ qalb il-ħmura ta' sħab dehbi. Hekk trid tkun il-poeżija. Sabiħa trid toħroġ bnina mill-qalb bħal ilma safi fil-ħdura mżewqa ta' xi wied. Jien fissirt ruħi hekk fuq il-poeżija, għal dawk li mingħalihom din mhix ħaġ'oħra, ħlief rabta ta' versi maħdumin bis-sengħa, u mqabbla tajjeb li joħolqu ħoss sabiħ u mexxej għal fuq il-widna biss. Mal-widna trîd tħoss il-qalb. Il-poeta hu kbir daqs kemm dan għandu ħila jogħġob lill-widna u lil-qalb.

Il-ġabra ta' poeżija ta' Muscat-Azzopardi, li għandi quddiemi, hi dik li ġiet maħruġa, b'tifkira mill-"Kittieba tal-Malti" fl-elf disgħa mija u tmienja u għoxrin. Ngħaddi mela għall-ewwel poeżija ta' dan il-ktieb żgħir: *"Sawl ta' Tarsu"*. Dak li f'dîn il-poeżija jolqotna, mhix le l'oriġinalità ta' ħjelijiet kbar, iżda s-saħħa tal-Malti safi, illi, f'idejn Muscat-Azzopardi, jiġri ħelu u ħafif għal fuq li lsien. Ngħiduha mill-ewwel. Tikteb bil-Malti safi, b'reqqa u b'sengħa li tgħoġob lill-widna, ma hi xejn ħaġa ħafifa, kif xi ħadd jista' jaħseb, l-aktar fi żmenijietna, li għafġuna taħt ħafna kliem ikraħ tal-barranin. Għani hu l-għadd ta' kliem Malti, imma ftit li jafuh sew, u aktar ftit dawk li jinqdew bih bis-sengħa.

Kif għedt jiena f'din il-poeżija, ma jolqtunix xi ħjelijiet kbar u ġodda. Xejn minn dan. Il-għaliex mhux fil-bogħod biex issibu. Muscat-Azzopardi f'din il-poeżija intrabat sħiħ mal-ġrajja tal-konverzjoni ta' Sawlu, kif inhi mniżżla fil Kotba Mqaddsa. B'dan hu ma setax jimraħ kemm irid, u kif irid, fil-għalqa tal-poeżija. Iżda, jaqbeż xi ħadd, jekk hu hekk, il-għala dil poeżija timxi daqshekk u tingħoġob? Nwieġeb: il-poeżija timxi għax għal dak li hu sengħa hi maħduma tajjeb —il-poeta q'ed iħaddem ġrajja kbira, il-konverzjoni ta' Sawlu, li għandna biż-żejjed poeżija fiha—Il-lsien Malti f'idejn Muscat-Azzopardi jinqala' tajjeb, jiġri ħafif bħal donnu ijfakkrek fil-ġiri taż-żiemel maħrub ta' Sawlu. U tassew il-versi qosra jiġru ġo xulxin, bħas-saqajn taż-żiemel kif għidt. Kollox f'din

il-poeżija jfakkrek f'xi ħaġa mgħaġġla. Isimgħu lil Sawl imgħaddab, maħrub fuq iż-żiemel ħafif:

Milbut, imnaffar
Għal fuqek ġej,
Għodda misħuta,
Tal-Fariżej...

U l-versi jissuktaw jiġru mlebbta ġo xulxin, sa ma f'daqqa Sawlu jinħasad mogħmi minn dija li leħħet:

"Mix-xemx wisq aqwa
Ta' nofs in-nhar."

Sa hawn għal kemm ma' hemm xejn li tista' ssejjaħlu kbir fil poeżija, imur kollox sewwa, biss jiena ma nista' qatt inġerraħ f'ħalq Alla, kbir fil-biża' tal-ħaqq tiegħu, dawn il-kelmiet li bihom iċanfar lil Sawl, li mwerwer jistaqsi:

"Min int Mulej?
......................
U l-leħen raġa'
"Jiena Gesù
Li qiegħed taħqar!
Tara kemm hu

Jiebes li toqmos
Għal din-*niggieża*!"
U Sawl minn dejjem
Ruħu *qabbieża*
....................
....................

Dik il-kelma kerha, dgħajfa *niggieża*, li qabbżet fin-nofs kelma mhix inqas kerha "*qabbieża*", ma toqgħod xejn sewwa f'ħalq Alla. Konna nistennew kliem aqwa, u aktar għoli.

Ma' dan kollu dan ftit inaqqas mill-poeżija, li għalkemm wieħed ma jistax isejħila kbira, hi sabiħa biż-żejjed.

Ngħaddi għall-poeżija oħra lil "Sidtna Marija tal-Karmnu". Hawn id-Din nisrani f'qalb il-poeta jqajjem ħilijiet sbieħ; u il-Malti juri mill-ġdid kemm jinqala' f'idejn in-nies tas-sengħa.

Nagħżel minn din il-poeżija dawn il-versi li ġejjin, għalija mill-isbaħ:

Mita mix-xejn imbdew isiru l-ħlejjaq,
Int kont fil-ħsieb t'Alla:
Kont Miegħu mita l-bniedem bl-ewwel dwejjaq
Il-wirt tal-Genna ħalla:
Rak sbejħa, rak qawwija:
U biex l-imjassra mill-kbir dnub ifejjaq,
Ħatrek minn dak iż-żmien b'Omm il-Messija.

Minn hawn ngħaddu għas-sunett lil "San Franġisk t'Assisi" Is-sbuħija ta' das-sunett tinġabar fl-aħħar tliet versi:

"Għal fejn il-ħobża ta' kull jum tittallab?
Għal fejn ġo xkora tibqa' ġismek trabbat?
Bil-ġuħ, għarwien, jeħtieġ li tmut imsallab!

Dawn it-tliet versi juru lil Muscat-Azzopardi poeta kif kieku xtaqnieh f'kull poeżija li kiteb. Il-qarrejja jgħarfu malajr li dawn il-versi il-poeta ħass u, xħin kiteb, quddiem għajnejh dehret ħajja x-xbieha ta' Franġisku tallab, maħqur, mġewwaħ, u għarwien u, fit-tarf ta' ħajtu mgħolli, salib bħal ta' l-Imgħallem tiegħu. Mita fl-imkien mal-moħħ taħdem il-qalb il-poeżija toħroġ aħjar.

Issa għanna f'idejna l-għanja sabiħa ta' 8 ta' Settembru. Muscat-Azzopardi jiġbor f'għanja sabiħa mill-bogħod taż-żmien, it-taqtigħa kbira bejn Kristu u Mawmettu, Maltin u Għarab. Għal ħutu l-Maltin, il-poeta għandu kliem tan-nar li jqajmu d-demm, iħabbtu, il-qalb, iħeġġu l-għajta tat-taqbida. U din il-għanja ta' Settembru, li Malta tħobb u tqim, twieldet minn dehra qalila ta' Maltin imbiċċra mill-għedewwa għar-rebħa ta' artna. Demm misserijietna qaddes kull xiber art li nirfsu; u l-għajta tal-poeta tidwi:

"Barrani ma jtiefes qatt ġieħha,
Ix-xafra li slittu fil-hemm!

Issa isimgħu kif il-poeta jintilef fil ħeġġa ta' mħabba u, fl-isem ta' wlied il-qalbiena misserijietna jgħajjat:

Uliedkom iġeddu fl-imħabba
Il-laħam li tilfu ġenbejkom
Jiksuhom bil-għaraq li xabba',
Fil-ħarxa taqtigħa l-iswar.
Ix-xwabel jatukom f'idejkom,
Irjuskom ilibbsu bl-azzar!

*Jissokta.*

ĠUŻÈ AQUILINA.